MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1024/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. AD Contractors Limited (C 41782) u**
**2. Amad Aluwjad (K.I. Numru 25575 (A))**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur cioe' Bank of Valletta p.l.c. fejn goie premess:-

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 14 ta' Lulju 2007 (Dok. "A"), is-socjeta attrici

ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta AD Contractors Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta AD Contractors Limited fis-somma ta’ tlettax-il elf, tlett mija u tnejn u disghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€13,392.56) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta AD Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B6”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-22 ta’ Lulju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ skrittura privata datata 17 ta’ Awwissu 2007 (Dok. “C”), il-konvenut Amad Aluwjad iggarantixxa flimkien u “in solidum” mas-socjeta AD Contractors Limited ghaf-favur tal-Bank of Vallletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta AD Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta’ hdax-il elf, sitt mija u sebgha u erbghin Ewro (€11,647.00);

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 18 ta’ Jannar 2010 li kopji taghhom qed jigu hawn ezebiti u mmarkati Dok. “D” u “E”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank atur qed jitlob li wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jigi kundannati jhallsu lill-bank attur is-somma ta’ tlettax-il elf, tlett mija u tnejn u disghin euro u sitta u hamsin centezmu (€13,392.56) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta AD Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B6”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-22 ta’ Lulju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 18 ta’ Jannar 2010 u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Peress li mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw ippruvati sufficjenrtement.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta' tlettax-il elf, tlett mija u tnejn u disghin euro u sitta u hamsin centezmu (€13,392.56) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta AD Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B6") u dana bl-imghax ulterjuri mit-22 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------